



12.7.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1846/2009, ippreżentata minn Thoren Metz, ta' nazjonalità Awstrijaka, f'isem l-Assoċjazzjoni Protezzjonista tal-Ambjent 'Protect - Natur-, Arten- und Landschaftsschutz', flimkien ma' firma waħda oħra, dwar l-effetti detrimentali ta' għadd ta' proġetti ta' kostruzzjoni fuq siti ta' Natura 2000 fiż-żona li tinsab fuq il-fruntiera ta' bejn l-Awstrija u r-Repubblika Ċeka

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jirreferi għal numru ta' proġetti ta' kostruzzjoni fir-reġjun ta' fuq il-fruntiera bejn l-Awstrija u r-Repubblika Ċeka, li ser ikollhom effetti devastanti fuq iż-żoni ta' Natura 2000 fil-qrib. Il-petizzjonant jgħid li l-permessi tal-bini u l-proċeduri obbligatorji tax-xiri marbutin mal-proġett mhumiex konsistenti ma' dawk stipulati fil-liġi tal-UE applikabbli u għalhekk huwa jitlob lill-Parlament Ewropew biex jinvestiga din il-kwistjoni.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 23 Marzu 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar it-12 Lulju 2010.

*Il-petizzjoni tinkludi studju profund tal-ispeċijiet u l-habitats protetti f'żewġ siti tan-Natura 2000: Freiwald fl-Awstrija u Novohradské hory fir-Repubblika Ċeka. L-istudju jidentifika wkoll għadd ta' attivitajiet/proġetti ta' żvilupp li jista' jkollhom effett negattiv fuq dawk is-siti tan-Natura 2000. Uħud minn dawn il-proġetti qed jiġu implimentati filwaqt li oħrajn għadhom fl-istadju tal-ippjanar.*

*Il-petizzjonanti jippreżentaw fatti allarmanti dwar l-istat li sejjer iktar lura tal-ispeċijiet u l-habitats fiż-żona msemmija u jsostnu li l-proċess għall-awtorizzazzjoni tal-proġetti mhuwiex*

*konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE.*

*Il-Kummissjoni diġà hija konxja minn din il-kwistjoni minħabba li l-petizzjonanti indirizzaw ittra dwar dan is-suġġett lill-President Barroso. Huma rċevew risposta mill-Kummissjoni fit-18 ta' Frar 2010. Il-Kummissjoni hija konxja wkoll li kemm l-Awstrija kif ukoll ir-Repubblika Ċeka ttrasponew bis-sħiħ id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>1</sup> dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, id-Direttiva Habitats. Dan ifisser li l-proġetti li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq sit tan-Natura 2000 huma suġġetti għal valutazzjoni tal-implikazzjonijiet għal dak is-sit kif stipulat fl-Artikoli 6.3. u 6.4. tad-Direttiva dwar il-Habitats. Id-direttiva ma ttiprobixxix proġetti ta' żvilupp fis-siti tan-Natura 2000 b'mod ġenerali, iżda tirrikjedi li dawn il-proġetti ssirilhom valutazzjoni tal-impatt xierqa.*

*Il-petizzjonanti nġhataw parir biex jikkuntattjaw l-awtoritajiet ambjentali nazzjonali fl-Awstrija t'Isfel u fir-Repubblika Ċeka responsabbli għas-siti tan-Natura 2000, minħabba li kwalunkwe kwistjoni l-ewwel għandha tiġi ttrattata fil-livell tal-Istat Membru.*

*Finalment inġhataw parir, dejjem fil-kuntest tal-korrispondenza mal-President Barroso, dwar il-possibilità li – jekk kellhom evidenza ċara u suffiċjenti li turi li d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar il-Habitats jew dwar l-Għasafar ma kienux qed jiġu segwiti fil-pajjiż rispettiv – jirreġistraw ilment mad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ambjent.*

*Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, ma hemm l-ebda evidenza ta' ksur speċifiku tad-dispożizzjonijiet la tad-Direttiva dwar il-Habitats u lanqas tad-Direttiva dwar l-Għasafar.*